# Il-ħajja tal-Malti fl-aħħar snin taż-żminijiet tan-Nofs



**Joseph C. Camilleri**
*BA, DEAM, M.Ed(Pl. & Mgt)*



L-irħula kollha f'Malta kienu jagħmlu mal-katidral tal-Imdina. Maż-żmien in-numru ta' nies bdew joktru. L-irħula bdew jikbru u jiżdiedu. Ir-rettur tal-katidral (jew il-kappillan maġġur) ma setax ilaħħaq mal-bżonnijiet spiritwali tal-Maltin. Daħlu fix-xena qassisin oħra biex jagħtu daqqa t'id lill-kappillan. Dawn bdew jissejħu viċi kappillani. Barra minn hekk, il-Maltin kienu qed isibuha bit-tqila jmorru l-katidral biex jew jirċievu s-sagramenti jew jassistu għal xi funzjoni reliġjuża. Biex il-Maltin ikunu moqdija aħjar inħolqu l-parroċċi. L-isqof Senator de Mello fl-1436 sab li f'Malta kien hawn 10 parroċċi.

Kien hemm dritt li l-kapijiet tal-familji kienu jħallsu lill-kappillani, kull sena, għotja ta' tomna qamħ u wiżna qoton. Jekk il-kap tal-familja kien ikollu xi bhejjem kien mistenni li jagħti wkoll lill-kappillan tomna xgħir. Dawn kienu jissejħu deċmi u kienu jitħallsu kull sena fil-festa ta' San Mikiel, jiġifieri fid-29 ta' Settembru.

## Il-gvern lokali

Il-gvern kien jissejjaħ l-Università. Is-setgħa tiegħu kienet f'idejn il-Kunsill tal-Poplu. L-Università ma setgħetx toħloq liġijiet, iżda setgħet taħtar uffiċjali tal-gvern, iddaħħal taxxi u jissellef flus, jaħżen u jqassam ikel. Meta tinqala' xi problema mas-Sultan, l-Università kienet taqbeż għall-poplu Malti. Il-Kunsill tal-Poplu kien immexxi mill-Ħakem (kien jissejjaħ ukoll il-kaptan tal-Virga). Dan kellu l-għajnuna ta' erba' ġurati. Il-membri tal-aristokrazzja, qassisin, nies magħrufa, negozjanti u mgħallmin tas-snajja' setgħu jinħatru kunsillieri. Barra dawn, xi taqsimiet tas-soċjetà Maltija kellhom id-dritt li jibagħtu r-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill. Ma' dawn kien hemm il-kuntistabbli[1], li kienu jintgħażlu bħala rappreżentanti tal-irħula b'votazzjoni fost il-kapijiet tal-familji. L-għażla kienet issir mill-poplu mmexxi mill-kappillan. Wara l-kappillan kien jibgħat javża lill-ġurati min kien il-kuntistabbli li ġie magħżul.

It-tmexxija ta' kulma jinqala' kienet f'idejn il-Kunsill iż-żgħar magħmul mill-kunsillieri. Il-kunsillieri kellhom dawn id-dmirijiet – kellu jirrappreżenta lir-raħal tiegħu fil-kunsill tal-Poplu. Kellu jieħu ħsieb l-ordni pubblika fid-distrett tiegħu, kellu jaħseb fil-proviżjon tal-ikel. Għalhekk kien jingħata lilu l-qamħ biex dan isir ħobż għan-nies tar-raħal. Fost l-uffiċjali ewlenin ta' dan il-kunsill kienu l-katapani. Dawn kienu jduru l-ħwienet biex jikkontrollaw il-prezzijiet, il-kejl u l-użin. Kull sena, għal ħabta ta' Settembru, is-sidien tal-ħwienet u bejjiegħa kienu jkunu avżati permezz ta' bandu biex jieħdu l-qisien tagħhom l-Imdina biex jaraw li dawn kienu skont il-liġi.

Il-kunsill kien jiddiskuti wkoll it-tiswija tas-swar tal-Imdina. Għat-tiswija tas-swar kienet toħroġ l-Angara, li kienet lista ta' ismijiet ta' rġiel imsejħin biex jaħdmu b'xejn fuq xi bini jew xogħol pubbliku.

## Il-Gran Mastru u l-Kunsill tal-Poplu

Meta waslet l-Ordni fl-1530 il-mexxejja tal-Kavallieri bdew jippruvaw inaqqsu l-qawwa tal-Università kif ukoll tal-Kunsill tal-Poplu. L-ewwel Gran Mastru għamel pass kbir biex irażżan il-poter f'idejn il-Maltin. Hu qasam il-gvern ta' Malta fi tnejn; gvern ikkonċentrat fl-Imdina, il-kapitali ta' dawk iż-żminijiet u l-gvern il-Birgu, iċ-ċentru ġdid ta' poter, is-sede tal-Kavallieri. Mal-Birgu poġġa dawn il-parroċċi – iż-Żejtun, Ħal Qormi u Bir Miftuħ. Il-bqija marru mal-gvern tal-Imdina. Maż-żmien bdew jissejħu l-Unversità tal-Belt Valletta u tat-Tlett Ibliet (minflok dik tal-Birgu). Jieħu ħsieb it-taqsima tal-Birgu l-Gran Mastru għamel kap li kien magħżul minnu.

Il-Gran Mastru kien jaħtar kavallier li ssir magħruf bħala l-Kaptan għal kull parroċċa. Dan kien jara li kull Malti jkollu t-taħriġ meħtieġ biex issir suldat tajjeb. Kellu jara wkoll li l-armi f'idejn il-poplu kienu miżmuma tajjeb. Jekk kien ser ikun hemm xi ħbit mal-għadu dan kellu jwassal in-nies li ma kinux tajba għall-ġlied fil-kenn tas-swar tal-Birgu jew tal-Imdina.

## L-ekonomija

Malta ta' dawk iż-żminijiet l-ekonomija ta' Malta ma tantx kienet fi stat tajjeb. L-ikbar daqqa ta' ħarta seħħet fl-1428 meta

l-Maltin qamu kontra t-tmexxija ta' Consalvo de Monroy u skont l-ftehim mar-re kellhom jaraw kif jiġbru għoxrin elf florin tad-deheb mit-tletin elf imwiegħda lil de Monroy biex jeħilsu minnu. Wara dan seħħ l-attakk tal-furbani f'Settembru tas-sena 1429. L-għarab kienu taħt it-tmexxija ta' Kaid Ridavan. Dawn niżlu Malta b'numru kbir ta' nies u għal tlitt ijiem ħarbtu u qerdu dak li ma setgħux iġorru magħhom. Meta telqu ħallew ħerba sħiħa li l-art ma setgħetx tinħadem u tinżara' għal ħafna snin. Ħafna familji tkissru, ħafna Maltin waqgħu lsiera u ħafna oħra nqatlu.

Fl-1453 Malta rat disastru ieħor l-iskarlatin. Sa Novembru 1455 kienu mietu biha madwar 700 ruħ, numru kbir għal dawk iż-żminijiet. Biex is-sitwazzjoni tmur għall-għar kien hawn perjodi ta' nixfa kbira. L-esporazzjoni tal-qoton naqset sewwa. L-Università talbet il-qamħ minn Sqallija biex titma' l-poplu. Daħlu miżuri biex t-taxxa tkun imnaqqsa biex il-poplu jibqa' jgħix f'Malta għax ħafna bdew jaħsbuha biex imorru Sqallija biex jgħixu hemm. Tant kemm kien hawn nuqqas ta' xita li saru diversi purċissjonijiet lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa biex il-Mulej jibgħat ix-xita.

Fiż-żmien ta' qabel il-wasla tal-Kavallieri l-ħajja f'Malta kienet iebsa. Il-ġrajjiet għamlu l-ħajja aktar iebsa. It-temp lagħab il-parti tiegħu wkoll. Il-wasla tal-Kavallieri rażnet il-poter f'idejn il-Maltin iżda ġabet aktar siġurtà u l-ħsieb li xi darba taqa' lsir saret inqas f'moħħ il-Malti.

**Biblijografija:**


Micallef Ġużepp (Dun), Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, Malta, 1975.


**Referenzi:**

[1] Kuntistabbli ma kienx pulizija.


**Privat għat-tfal tas-Sekondarja ta' Form 1, 2 u 3 fil-Matematika**

Il-privat issir f'100 Triq Santa Marija, Ħal Tarxien

Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf

Ċempel 79317436 jew 21436090

**SILVERCRAFT PRODUCTS LTD**

MRA 018A, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000

Tel: 21898046 • Fax: 21666400

Email: info@silvercraftltd.com



**Silvercraft Products Limited is a family owned business, supplier to the fibreglass industry. Our list of products includes fibreglass, tissue, resin, brush cleaners, pigments, waxes and a variety of tools and other material related to the industry.**

**We also produce fibreglass products for domestic and industrial use, including swimming pools, sewage treatment plants, tanks, bowsers and other tailor-made products to suit the needs of our variegated clientele.**

**You are more than welcome to forward us your projects for a detailed quotation or visit our shop for your DIY tasks.**